**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Mejju 2018 – Fedtke vs KESE**

**(Kawża T-801/16)** ([1])

***("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Irtirar — Età tal-irtirar — Talba għal estensjoni fis-servizz — L-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 52 tal-Istatut. — Interess tas-servizz — Att purament konfermattiv — Fatti ġodda u sostanzjali — Ammissibbiltà")***

(2018/C 240/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ingrid Fedtke (Wezembeek-Oppem, il-Belġju) (rappreżentant: M. -A. Lucas, avukat)

*Konvenuti:* Comité économique et social européen (CESE) (rappreżentanti: M. Pascua Mateo, K. Gambino, X. Chamodraka, A. Carvajal u L. Camarena Januzec, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għal annullament tad-deċiżjoni tal-KESE fir-rigward taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti intiża għaż-żamma f'impjieg attiv sal-età ta' 66 sena.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ingrid Fedtke hija kkundannata tbati l-ispejjeż relatati ma' din il-kawża kemm quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 320, 28.9.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-Numru F-107/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Mejju 2018 – Italytrade vs EUIPO – Tpresso (tèespresso)**

**(Kawża T-67/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali tèespresso — Trade marks internazzjonali figurattiva preċedenti TPresso u verbali preċedenti TPRESSO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2018/C 240/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Italytrade Srl (Bari, l-Italja) (rappreżentant: N. Clemente, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Tpresso SA (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: L. Biglia u R. Spagnolli, avukati)